**Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data***

**CDP/FOI/31/2024**

**Mark Amaira**

**vs**

**Università ta' Malta**

**TALBA GĦAL INFORMAZZJONI**

1. Illi fit-8 ta' Lulju 2024, is-Sur Mark Amaira (l-"**applikant**") għamel talba għal informazzjoni skont ir-rekwiżiti tal-artikolu 6(1) tal-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni (Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta) (l-"**Att**"), fejn talab lill-Università ta' Malta (l-"**awtorità pubblika**") sabiex tipprovdi din l-informazzjoni:

> "*Bhala cittadin Malti ppermettuli nistrieh fuq l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni u bosta gurisprudenza ricenti tal-Qorti ta' Malta biex nitlob xi informazzjoni mingħand l-Università ta' Malta. Din t'hawn taht hija talba tal-libertà tal-informazzjoni. Jekk joghgobkom nehtieg:*
>
> *1) Kopja tal-invoices lill-Università, tal-ircevuti lill-Università, u tal-ircevuti tar-rifuzjonijiet lill-Università ... minghand id-ditta legali Vella Galea & Associates, datati xi data bejn id-9 ta' Lulju 2014 u t-8 ta' Lulju 2024. Jekk joghgobkom nitlobkom ukoll excel sheet biex tispecifikaw b'mod car ghal liema servizzi kienu qed jintalbu u thallsu jew irrifondew il-flus lill-Università wara xi rebhiet.*
>
> *2) Kopja tas-sejha ghall-interess li kienet harget l-Università ta' Malta u li effettivament wasslet biex id-ditta legali hawn fuq imsemmija tintalab taghti s-servizzi legali estensivi taghha lill-Università ta' Malta.*".

2. Illi fid-19 ta' Awwissu 2024, l-awtorità pubblika infurmat lill-applikant li t-talba tiegħu kienet qiegħda tiġi miċħuda abbażi tal-artikolu 14(b) tal-Att li jgħid hekk kif ġej: "*bis-saħħa tat-Taqsima V jew it-Taqsima VI, hemm raġuni valida biex id-dokument mitlub ma jingħatax*".

3. Illi fil-21 ta' Awwissu 2024, l-applikant eżerċita d-dritt tiegħu li jitlob lill-awtorità pubblika sabiex tirrevedi d-deċiżjoni tagħha skont il-proċedura interna tal-ilmenti.

4. Illi fid-19 ta' Settembru 2024, l-awtorità pubblika tenniet l-istess raġuni għar-rifjut skont l-artikolu 14(b) tal-Att.

5. Illi fid-29 ta' Settembru 2024, l-applikant applika għall-avviż ta' deċiżjoni skont l-artikolu 23(1)(a) tal-Att, fejn talab lill-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* (il-"**Kummissarju**") biex jiddeċiedi jekk it-talba għal informazzjoni magħmula mill-applikant lill-awtorità pubblika kinitx ġiet itrattata skont ir-rekwiżiti tal-Att.

6. Illi fl-14 ta' April 2025, u wara l-intervent tal-Kummissarju, l-awtorità pubblika pprovdiet lill-applikant b'kopja ta' "*Expression of Interest" – "Provision of Litigation Services to the University of Malta*" iżda rrifjutat li tipprovdi d-dokumenti mitluba fl-ewwel parti ta' talba tal-applikant. Ir-raġunijiet għar-rifjut li ġew ipprovduti mill-awtorità pubblika qegħdin jiġu riprodotti hawnhekk:

> "*After careful consideration, I regret to inform you that the requested information in Part 1. of your FOI cannot be released in full for the following reasons: legal professional privilege Article 31 of the FOI Act; protection of commercial interests Article 32 of the FOI Act; and 3. Personal Data Article 5(3)(a) of the FOI Act. Should you wish to obtain partial access to the invoices with appropriate redactions applied to protect the exempted information, please inform us accordingly, and we will process such a redacted disclosure where feasible*".

7. Illi fl-14 ta' April 2025, l-applikant informa lill-awtorità pubblika u kif ukoll lill-Kummissarju li huwa ma jaqbilx mad-deċiżjoni meħuda mill-awtorità pubblika għal din ir-raġuni:

> "*L-ewwel talba tiegħi għal "fatturi, irċevuti u rifużjonijiet lill-Università li minn ditta legali privata" ma tittratta bl-ebda mod xi materjal ta' natura privileġġata jew ismijiet jew emails privati. Jien ma tlabtx dokumentazzjoni tal-pariri u tal-argumentazzjonijiet legali. Jien tlabt*

*kopja ta' dokumenti li juru l-ammonti tal-ħlasijiet li saru minn but il-poplu lil dik id-ditta, u li juru r-rifużjonijiet lura ġo but il-poplu mingħand dik id-ditta. Tlabt li dawn id-dokumenti jkunu jagħmlu referenza għal materjal (bħal kawżi mitlufa u forsi mirbuħa) li diġà hemm fid-dominju pubbliku biex ma jkunu fatturi fl-arja. Li tistaqsuni għal riduzzjonijiet u ingassar hija talba redikola għax fil-passat diġà kontu għaddejtuli dokumenti ingassati mingħajr ma tlabtuni*".

**INVESTIGAZZJONI**

L-ammissibbiltà tal-applikazzjoni magħmula mill-applikant

8. Wara li l-Kummissarju kkunsidra li l-applikant huwa persuna eliġibbli skont l-artikolu 2 tal-Att, u n-natura u l-isfond tal-applikazzjoni għal deċiżjoni, il-Kummissarju qies li l-applikazzjoni magħmula mill-applikant bħala ammissibbli għall-fini tal-artikolu 23(2) tal-Att.

Avviż ta' Informazzjoni maħrug mill-Kummissarju

9. Illi bħala parti mill-proċedura ta' investigazzjoni, permezz ta' avviż ta' informazzjoni datat it-13 ta' Mejju 2025, maħruġ skont l-artikolu 24(1)(a) tal-Att, il-Kummissarju talab lill-awtorità pubblika sabiex tipprovdi kampjun tad-dokumenti mitluba mill-applikant sabiex ikun jista' jispezzjona d-dokumenti u jiddeċiedi dwar jekk ir-raġunijiet għar-rifjut ċitati mill-awtorità pubblika japplikawx fil-każ odjern. B'mod partikolari, il-Kummissarju talab lill-awtorità pubblika sabiex tissostanzja b'mod ċar ir-raġunijiet għar-rifjut li ġew ipprovduti lill-applikant permezz tar-risposta datata l-14 ta' April 2025.

Sottomissjonijiet tal-awtorità pubblika

10. Illi fil-21 ta' Mejju 2025, l-awtorità pubblika pprovdiet kampjun tal-fatturi u "*excel sheet*" bil-fatturi, u kif ukoll is-sottomissjonijiet tagħha fir-rigward tar-rifjut tad-dokumenti. L-awtorità pubblika ssottomettiet hekk kif ġej:

    a. illi mill-kontenut ta' dawn il-fatturi wieħed jista' jinnota li dawn id-dokumenti mitluba mill-applikant fihom *data* personali dwar il-persunal tal-awtorità pubblika u partijiet terzi esterni li jwassal għall-iżvelar ta' informazzjoni personali dwar dawn l-individwi; u

b. illi dawn il-fatturi huma wkoll suġġetti għall-privileġġ professjonali legali peress li fihom noti kunfidenzjali fir-rigward ta' komunikazzjonijiet bejn l-avukat estern u l-awtorità pubblika.

Sottomissjonijiet tal-applikant

11. Bħala parti mill-proċedura interna ta' investigazzjoni, il-Kummissarju pprovda lill-applikant bis-sottomissjonijiet tal-awtorità pubblika u ingħata l-opportunità sabiex jirribatti dawn l-argumenti. Permezz ta' *email* datat it-2 ta' Ġunju 2025, l-applikant issottometta hekk kif ġej:

a. illi bħala l-paladina u l-pijuniera tat-trasparenza u l-kontabbiltà, l-awtorità pubblika qiegħda deliberatament taħli l-ħin;

b. illi l-awtorità pubblika qiegħda taħli l-ħin tal-applikant, iddewwem il-proċess apposta, tiċħad kull talba tal-FOI magħmula mill-applikant, tivvinta ġustifikazzjonijiet mhux ġustifikati, u iżda agħar u agħar, qiegħda taħli l-ħin tal-Kummissarju;

c. illi dan apparti li l-awtorità pubblika kisbet *data* personali tal-applikant u għaddietha lill-avukati esterni tagħha u ħallsithom biex jibagħtu lill-applikant dokumenti kunfidenzjali ġo binja li m'għadhiex tintuża mill-Kummissjoni Ewropea b'konsegwenzi fuq ir-reputazzjoni nadifa tazza tal-applikant;

d. illi l-applikant ma jaf bl-ebda ditta legali li tagħti l-pariri legali tagħha ġol-fatturi u l-irċevuti fiskali. Jekk din id-ditta legali speċjali qed tagħmel dan, l-applikant mhuwiex interessat fil-pariri legali moħbija u jistgħu jiġu ingassati;

e. illi l-applikant qiegħed jifhem, iżda, li l-fatturi li jagħmlu referenza għall-kawżi jew għall-ismijiet li huma partijiet f'kawżi li diġà jinsabu fid-dominju pubbliku għax ikun għadhom pendenti quddiem il-Qrati jew inqatgħu b'sentenza mill-Qrati, m'hemmx għalfejn jiġu ingassati u hu fl-interess pubbliku li l-awtorità pubblika tiddikjara kemm ħarġet minn flus il-poplu għall-kawżi aċċessibbli diġà mill-pubbliku; u

f. illi l-applikant ġentilment jitlob lill-Kummissarju jinnota li r-risposta tal-awtorità pubblika hija sfaċċata daqs ir-risposti moħbija lill-ġurnalista ewlenija Caroline Muscat f'ħemel ta' kawżi tal-appell kontriha, liema risposti kisbu ċ-ċanfira tal-Imħallef Mintoff fil-ħemel ta' kawżi tal-appell mirbuħa.

**ANALIŻI LEGALI U DEĊIŻJONI**

It-Trattament tal-Talba għal Informazzjoni

12. Illi qabel mal-Kummissarju jidħol fil-mertu tar-raġunijiet għar-rifjut pprovduti mill-awtorità pubblika, il-Kummissarju jipproċeda sabiex jiddetermina dwar jekk l-awtorità pubblika ttrattatx it-talba għal informazzjoni skont ir-rekwiżiti speċifikati fl-Att. Waqt il-kors tal-investigazzjoni, il-Kummissarju nnotta kif it-talba saret fit-8 ta' Lulju 2024 iżda r-risposti li ġew ipprovduti lill-applikant fid-19 ta' Awwissu 2024 kienu limitati għall-fatt li bis-saħħa tat-Taqsima V jew it-Taqsima VI tal-Att, hemm raġuni valida sabiex id-dokumenti mitluba ma jingħatawx. Kien biss wara l-intervent tal-Kummissarju li permezz ta' risposta tardiva datata l-14 ta' April 2025, l-applikant ġie infurmat li l-ewwel parti tar-rikjesta tiegħu kienet qiegħed tiġi rrifjutata abbażi ta' tlett dispożizzjonijiet, li jinkludu, l-artikolu 5(3)(a), l-artikolu 31 u l-artikolu 32 tal-Att.

13. Illi filwaqt li l-Kummissarju jirrikonoxxi li l-applikant għamel bosta talbiet f'perjodu qasir u li dawn it-talbiet setgħu potenzjalment impattaw ir-riżorsi tal-awtorità pubblika, il-Kummissarju nnotta li r-raġuni għar-rifjut ċitata mill-awtorità pubblika fid-19 ta' Awwissu 2024 u fid-19 ta' Settembru 2024 ma kinitx xierqa. Dan għaliex l-awtorità pubblika naqset milli tipprovdi raġuni ġustifikata skont ir-rekwiżit tal-Att. Ai termini tal-artikolu 15(1)(a) tal-Att, l-awtorità pubblika hija obbligata li meta talba magħmula skont l-Att tiġi rifjutata, l-awtorità pubblika għandha "*bla ħsara għall-artikolu 34, tagħti lill-applikant ir-raġunijiet għaċ-ċaħda*". Fil-każ odjern, ir-risposta tal-awtorità pubblika datata d-19 ta' Awwissu 2024 ma kinitx konformi mal-artikolu 15(1)(a) tal-Att u dan għaliex ingħatat risposta ġenerika mingħajr ebda spjegazzjoni jew xi forma ta' ġustifikazzjoni għar-rifjut tat-talba.

Il-Mertu tal-Każ

14. Illi l-Kummissarju pproċeda sabiex jeżamina r-raġunijiet għar-rifjut pprovduti lill-applikant fir-rigward tat-talba għal informazzjoni:

> "*Kopja tal-invoices lill-Università, tal-ircevuti lill-Università, u tal-ircevuti tar-rifuzjonijiet lill-Università ... minghand id-ditta legali Vella Galea & Associates, datati xi data bejn id-9 ta' Lulju 2014 u t-8 ta' Lulju 2024. Jekk joghgobkom nitlobkom ukoll excel sheet biex tispecifikaw b'mod car ghal liema servizzi kienu qed jintalbu u thallsu jew irrifondew il-flus lill-Università wara xi rebhiet.*"

15. Illi l-awtorità pubblika permezz ta' *email* datat l-14 ta' April 2025 infurmat lill-applikant li l-ewwel parti tat-talba kienet qiegħda tiġi rrifjutata:

> "*After careful consideration, I regret to inform you that the requested information in Part 1. of your FOI cannot be released in full for the following reasons: legal professional privilege Article 31 of the FOI Act; protection of commercial interests Article 32 of the FOI Act; and 3. Personal Data Article 5(3)(a) of the FOI Act. Should you wish to obtain partial access to the invoices with appropriate redactions applied to protect the exempted information, please inform us accordingly, and we will process such a redacted disclosure where feasible*".

16. Illi kif tajjeb intqal mill-applikant, il-Qorti tal-Appell diġà ppronunzjat ruħha fir-rigward ta' talba għall-informazzjoni li saret mill-ġurnalista, Caroline Muscat, dwar materja simili. Għalhekk, il-Kummissarju jirreferi għall-waħda mill-bosta sentenzi tal-Qorti tal-Appell fejn is-Sinjura Muscat talbet kopji ta' kuntratti u pagamenti relatati ma' servizzi pprovduti minn kumpaniji u kif ukoll individwu partikolari, fejn il-Qorti saħqet li:

> "*Il-Qorti tgħid li issa jonqos li jiġi nvestigat dak li qal it-Tribunal. Beda billi qies li l-Kummissjoni appellanta bħala awtorità pubblika skont id-definizzjoni mogħtija fil-Kap. 496,* ***kif sewwa jirrileva l-Kummissarju, titħallas minn fondi pubbliċi u għalhekk tirriżulta l-aspettattiva li l-pubbliku għandu jkun jaf fejn marru l-flus u għaliex****.*"[1]. [emfażi miżjud].

17. Illi l-Qorti tal-Appell kkonfermat l-avviż tad-deċiżjoni tal-Kummissarju fejn il-Kummissarju kien ordna lill-awtoritajiet pubbliċi sabiex jipprovdu lill-applikanta b'kopji tal-kuntratti kif ukoll pagamenti f'forom ta' fatturi u rċevuti li tħallsu mill-fondi pubbliċi. Għaldaqstant, huwa punt indisputabbli li l-awtoritajiet pubbliċi għandhom ikunu trasparenti dwar il-mod ta' kif jiġu utilizzati l-fondi pubbliċi. Dan il-punt jidher li huwa wkoll rikonoxxut mill-awtorità pubblika għaliex fl-*email* tagħha datat l-14 ta' April 2025, hija infurmat lill-applikant li lesta li tipprovdi d-dokumenti mitluba wara li tirredatta ċerta informazzjoni. F'dan ir-rigward, l-awtorità pubblika invokat l-artikolu 5(3)(a) li jikkonċerna d-*data* personali, l-artikolu 31 u l-artikolu 32 tal-Att.

[1] Appell Inferjuri Numru 72/22/LM, Caroline Muscat vs *Malta Film Commission*, datata t-22 ta' Frar 2023.

18. Illi l-Kummissarju spezzjona kampjun ta' dokumenti li ġew ipprovdut mill-awtorità pubblika waqt il-perkors tal-investigazzjoni u li minnhom il-Kummissarju seta' jinnotta li l-fatturi fihom referenza għal liema kwistjonijiet ġew fornuti s-servizzi tal-ditta legali, inkluż ismijiet ta' individwi. Illi l-applikant saħaq li jekk il-fatturi jagħmlu referenza għall-kawżi pendenti quddiem il-Qrati jew kawżi li nqatgħu b'sentenzi mill-Qrati, m'hemmx għalfejn jiġu ingassati l-ismijiet tal-individwi msemmija f'dawn il-fatturi u dan għaliex hu fl-interess pubbliku li l-awtorità pubblika tiddikjara kemm ħarġet minn flus il-poplu għall-kawżi aċċessibbli diġà mill-pubbliku.

19. Illi tajjeb li jiġi kkjarifikat li l-awtorità pubblika tuża s-servizzi tal-avukati esterni tagħha mhux neċessarjament biss dwar kwistjonijiet li jkunu pendenti quddiem il-qrati nostrani jew li jkunu diġà ġew deċiżi mill-qrati iżda jkun hemm bosta istanzi oħra fejn l-awtorità pubblika titlob is-servizzi tad-ditta legali fi kwistjonijiet interni jew kwistjonijiet li ma jkunux fid-dominju pubbliku.

20. Illi l-Kummissarju kkunsidra l-artikolu 5(3)(a) tal-Att li jiskatta n-nuqqas ta' applikabbiltà tal-Att f'każ li l-dokumenti jkun fihom *data* personali ta' persuni naturali skont kif definit fl-artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2016/679. Madankollu, il-*proviso* tal-artikolu 5(3) tal-Att jikkjarifika fejn "*ikun possibbli li jiġi żvelat dokument b'din id-data jew informazzjoni mneħħija, dan għandu jsir skont l-artikolu 13(1) u (2)*".

21. Illi mis-"*sample*" ta' dokumenti li ġew ipprovduti mill-awtorità pubblika waqt il-kors tal-investigazzjoni, il-Kummissarju seta' josserva li dawn id-dokumenti fihom ismijiet ta' bosta individwi. Illi f'dawn il-każijiet, il-Kummissarju jikkunsidra li l-awtorità pubblika kienet ġġustifikata meta saħqet li l-ismijiet ta' individwi għandhom jiġu ngassati għar-raġuni li dawn jikkostitwixxu *data* personali għall-fini tal-artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2016/679 u b'hekk l-Att ma japplikax fir-rigward ta' din id-*data* personali. Barra minn hekk, il-Kummissarju jikkjarifika li filwaqt li hemm interess pubbliku biex l-awtorità pubblika tkun trasparenti dwar kemm intefqu flus, min irċieva l-fondi u għal liema servizz, il-Kummissarju huwa tal-opinjoni li m'hemm l-ebda interess pubbliku sostanzjali li jiġu żvelati l-ismijiet ta' individwi privati li dwarhom, jew relatat magħhom, ġew ipprovduti s-servizzi legali mid-ditta legali lill-awtorità pubblika.

22. Illi l-Kummissarju kkunsidra wkoll li l-awtorità pubblika invokat l-artikoli 31 u 32 tal-Att mingħajr ma speċifikat għal liema sub-artikolu ta' dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet kienet qiegħda tistrieħ fuqhom. Mill-*email* datat l-14 ta' April 2025 u s-sottomissjonijiet ipprovduti waqt il-kors tal-investigazzjoni, l-awtorità pubblika jidher li qiegħda tistrieħ fuq l-artikolu

31(1) tal-Att meta saħqet li dawn il-fatturi huma wkoll suġġetti għall-privileġġ professjonali legali peress li fihom noti kunfidenzjali fir-rigward ta' komunikazzjonijiet bejn l-avukat estern u l-awtorità pubblika. Nonostante dan, mill-kampjun ta' dokumenti pprovduti, il-Kummissarju ma rax li kien hemm pariri legali f'dawn il-fatturi, u għaldaqstant ma ġiex ipprovdut b'xi evidenza jew spjegazzjoni dwar kif dawn il-fatturi fihom materjal privileġġjat. Bl-istess mod, il-Kummissarju ma ġie pprovdut bl-ebda spjegazzjoni jew ġustifikazzjoni ta' kif japplika l-artikolu 32 *vis-à-vis* it-talba tal-applikant.

**Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet suesposti, ai termini tal-artikolu 23(3)(b) tal-Att, il-Kummissarju qiegħed b'dan jinnotifika avviż ta' deċiżjoni u jiddeċiedi:**

a. **illi r-risposti tal-awtorità pubblika datati d-19 ta' Awwissu 2024 u d-19 ta' Settembru 2024 naqsu milli jispeċifikaw ir-raġuni ta' rifjut skont l-artikolu 15(1)(a) tal-Att; u**

b. **illi d-dokumenti mitluba mill-applikant fihom *data* personali relatati ma' persuni privati suġġetti għar-Regolament (UE) 2016/679, u għaldaqstant, skont l-artikolu 5(3)(a) tal-Att, l-Att m'għandux japplika għal dawn id-dokumenti safejn ikun fihom *data* personali. Iżda skont il-*proviso* tal-artikolu 5(3) tal-Att "*fejn ikun possibbli li jiġi żvelat dokument b'din id-data jew informazzjoni mneħħija, dan għandu jsir skont l-artikolu 13(1)*".**

**Illi għalhekk, bis-saħħa tal-artikolu 23(4)(a) tal-Att, il-Kummissarju qiegħed jordna lill-awtorità pubblika sabiex tipprovdi lill-applikant b'kopji tad-dokumentazzjoni mitluba fl-ewwel parti tat-talba wara li, ai termini tal-artikolu 13(1)(a) tal-Att, jitneħħew *data* personali skont kif definit fl-artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2016/679. L-awtorità pubblika għandha tipprovdi kopji redatti tad-dokumenti lill-applikant fi żmien għoxrin (20) jum ta' xogħol mid-data tan-notifika ta' l-avviż tad-deċiżjoni, u wara għandha tinforma lill-Kummissarju bl-azzjoni meħuda.**

Ian DEGUARA (Signature)
Digitally signed by Ian DEGUARA (Signature)
Date: 2025.06.06 10:05:56 +02'00'

**Ian Deguara**
**Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data***

**Dritt ta' Appell**

Ai termini tal-artikolu 39(1) tal-Att, "[m]*eta avviż ta' deċiżjoni jintbagħat, l-applikant jew l-awtorità pubblika jistgħu jappellaw lit-Tribunal kontra l-avviż fi żmien għoxrin ġurnata tax-xogħol*".

Appell lit-Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data* għandu jsir lis-Segretarja, Tribunal tal-Appelli dwar l-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-*Data*, 158, Triq il-Merkanti, Valletta. Aktar informazzjoni dwar il-proċedura tal-appelli hija disponibbli fuq is-sit tal-Kummissarju: https://idpc.org.mt/appeals-tribunal/